# Isqfijiet li rabtu isimhom maż-Żejtun

Din is-sena tajna bidu sabiex naħdmu sett bandalori ġodda għal Misraħ Carlo Diacono, magħruf magħna ż-Żwieten bħala pjazza Sant' Anġ. It-tema li hija marbuta ma dan is-sett ta' għaxar bandalori huma l-Isqfijiet li b'xi mod rabtu isimhom maż-Żejtun. Din is-sena ser inżanżnu erbgħa minn dawn il-bandalori li fuqhom ser insibu l-armi ta' L-Isqfijiet Mons. Baldassare Cagliares, Mons. Ferdinand Mattei, Mons. Paolo Alpheran de Bussan u Mons. Emanuel Ġerada u għaldaqstant ħassejna li jkun xieraq li nagħtu ftit tagħrif dwar kif dawn l-Isqfijiet rabtu isimhom ma' Beltna.

## Mons. Baldassare Cagliares 1615 - 1633



Baldassare twieled fil-Belt Valletta fl-1575. huwa kien l-unika Isqof Malti matul il-ħakma ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Kien il-Kappillan Konventwali fil-Konkatidral ta' San Ġwann. Il-Papa Pawlu IV innominaħ Isqof ta' Malta fit- 18 ta' Mejju 1615. Kien l-Isqof tal-fqar. Kien huwa li ġab ġewwa il-gzejjer Maltin il-Karmelitani Tereżjani.
L-Isqof Cagliares rabat ismu maż-Żejtun meta huwa bena villa ġewwa ir-raħal t'isfel, liema villa mhux biss għada mwaqqfa iż da ftit żmien ilu ġiet ukoll restawrata. L-Isqof Cagliares insibuh bħala parrinu f'diversi magħmudijiet li kien saru fil-parroċċa tagħna.
Huwa miet qasir il-għomor f'Awwissu 1633 wara li ħakmitu marda gravi.

## Mons. Ferdinand Mattei 1807 - 1829

Ferdinandu twieled ġewwa l-Isla fl- 24 ta' Lulju 1761. huwa kien l-ewwel Isqof Malti, wara l-Isqof Cagliares li miet fis-sena 1633. Kien il-Gvern Ingliż li ppropponieh lil Papa Piju VII u huwa ġie nominat Isqof fit- 18 ta' Settembru 1807.
Fi żmienu il-knisja ta' San Ġwann sar KonKatidral tad-Djoċesi. Dan l-Isqof l'aktar wieħed li rabat ismu maż-Żejtun meta fl-1819 l-qassis Żejtuni Dun Alwiġ Camilleri ippjana biex tinfetaħ l-ewwel skola fiż-Żejtun. Huwa kien ta' għajnuna kbira għall Dun Alwiġ flimkien mal-Konslu Spanjol il-Kavallier Alberto de Megio. B'tifkira ta' dawn iż-żewġ personalitajiet f'waħda mill-kmamar ta' l-istess skola hemm basso relif mwaħħal mal-ħajt. Illum din l-iskola hija dar tas-Sorijiet 'Ulied il-Qalb ta' Ġesu'.
L-Isqof Mattei bena wkoll villa għas-sajf ġewwa Triq San Girgor, fejn illum hemm is-sede' tal-Juventutis Domus. L-arma ta' kunjomu tidher fil-loġġ tal-bitħa ta' din is-sede, filwaqt li fil-loġġ tal-faċċata fuq il-bieb prinċipali insibu l-ittri ta' ismu. Fil-knisja parrokkjali insibu wkoll tifkira tiegħu li hija is-sedja tal-kor bil-kulur aħmar. Din is-sedja ġġib il-kulur aħmar minħabba li propju l-Isqof Ferdinand Mattei kien jiffrekwenta din is-sedja fis-sajf meta allura kien ikun residenti fiż-Żejtun.



## Mons. Emanuel Gerada 1967 - .



Emanuel Twieled fiż-Żejtun fl- 1920 iben l-Ispiżjar Onorato u Katarina xebba Canataci. Huwa kien it-tieni isqof Żejtuni wara l-isqof Antonio Zahra O.P. li għex fis-seklu XVIII Sar saċerdot fl- 1 t'Awissu 1943 u immedjatament wara beda triq twila fid-diplomazija tal-Knisja. Fl-1952 beda fl-Eġittu, fl-1956 sar Monsinjur fl-Irlanda, kien doplamotiku wkoll fil-Ġappun u l-Messiku. Fl-1967 ġie ordnat Isqof fil-Konkatidral ta' San Ġwann u sar Isqof Awżiljarju ta' Malta. Mis-sena 1974 ġie nominat Nunzju fil-Gwatemala, El Salvador, Pakistan, l-Irlanda. Huwa ħalla lil Knisja Parrokkjali taż-Żejtun il-Baklu ta' l-Episkopat tiegħu.

## Mons. Paolo Alpheran de Bussan 1728 - 1757



Paolo kien Franċiż. Huwa sar Isqof ta' Malta nhar it- 8 ta' Marzu 1728. Kien il-Papa Benedittu XIII li kkonsagrah Isqof ġewwa Ruma bit-titlu ta' Arċisqof titulari ta' Damietta.

Il-Kleru kien ta' l-ewwel fil-lista tiegħu. fi żmien l-episkopat tiegħu tlesta is-Seminarju l-ġdid ġewwa l-Imdina li llum huwa il-mużew tal-Katidral. Lil Monsinjuri tal-Katidral, b'konnessjoni mas-Santa Sede' tahom li jilbsu il-mitra u s-Salib Pettulari. Fi żmienu wkoll bierek u kkonsagra diversi knejjes fosthom il-Knisja Parrokkjali taghna, nhar l-10 ta' Mejju 1744. dan il-Jum għadu sal-llum jitqies bħala jum ta' festa ta' konsagrazzjoni tat-tempju. Sabiex jitfakkar dan il-jum saret deskrizzjoni fuq l-antiporta tan-naħa tax-xellug. l-Arma ta' dan l-Isqof illum insibuha fis-sagristija prinċipali. Qabel din l-istess arma kienet imwaħħla mal-gallarija ta' l-ewwel orgni tal-knisja li sar minn Ġużeppi Trulli fl-1730. l-Arma tiegħu insibuha wkoll fuq il-lampier ta' kuljum li sar minn Giovanni Brennsler 1732 u fuq dak ta' l-artal ta' San Mikiel 1738.

De Bussan ikkonsagra wkoll il-knisja tal-Madonna tal-Bon Kunsill propjeta tal-familja Bonici Testaferrata, fl-1750. Kien huwa li kiteb l-Istatut tal-Konfraternita tas=Santissmu Sagrament li fih 50 paġna fid- 29 t'April 1739 meta l-istess Konfraternita kienet qed tibni l-Oratorju tagħha biswit il-Knisja Parrokkjali. Huwa miet nhar l-20 t'April 1757 u qalbu ġiet priservata fis-Seminarju.